**2 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Carmelo Agius

*versus*

John Agius

**Lokazzjoni - Residenza - Art 2 tal-Kap 69 - Familja - Residenza - Definizzjoni ta' - Apprezzament ta' Fatti mill-Qorti ta' l-Ewwel Grad - Ċirkostanzi li Dan Għandu Jiġi Ddisturbat mill-Qorti ta' Reviżjoni - Kredibilità ta' Xhieda u Oneru ta' Prova**

*L-attur aġixxa biex jottjeni l-iżgumbrament tal-konvenut. Il-bażi tal-kontenzjoni kienet l-interpretazzjoni ta' l-art 2 tal-Kap 69 fejn jingħad illi inkwilin jinkludi membri tal-familja li kienu joqogħdu miegħu fil-mument tal-mewt.*

*Ġie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu l-Qorti ta' reviżjoni li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja.*

*Qari attent tar-raġunament tal-Qorti ta' l-Appell juri anke metodu ta' raġunament u analisi impliċita tal-problematika ta' l-oneru tal-prova fejn għandhom rwol riżoluttiv il-kredibilità u l-attendibilità ta' xhieda għas-soluzzjoni tal-vertenza.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati tal- 25 ta' Lulju, 1994, li taqra hekk:

Rat l-avviż ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut biex jiżgombra 'l barra fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti

mir-razzett li jmiss f'numru 81 B'Kara Hill, San Ġiljan liema razzett il-konvenut kien qed jiddetjeni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Għall-fini ta' kompetenza jiġi ddikjarat li valur lokatizju tar-razzett ma jeċċedix ħames liri Maltin (Lm5) fis-sena;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol 6;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet l-avukati difensuri jittrattaw;

Skond l-artikolu 2 tal-Kap 69 l-espressjoni "*tenant*" tinkludi "*in the case of a dwelling house, where the tenant leaves no widow, or widower, such members of the tenant's family as were residing with him or her at the time of his or her death*";

Jiġifieri li-konvenut irid jipprova li:

1. hu kien membru tal-familja;

2. li hu kien joqgħod mal-inkwilina fiż-żmien tal-mewt tagħha.

"Il-liġi fl-artikolu 2 ma tesiġi l-ebda minimu ta' żmien ta' ko-abitazzjoni biex membri tal-familja tal-inkwilin ikollhom dritt favur tagħhom għar-rilokazzjoni tal-post lokat: iżda trid biss li dawn il-membri "jkunu joqogħdu" (*were residing*) ma' l-inkwilin oriġinali: Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-Liġi il-kelma "toqgħod"

(*reside*) trid titqies fis-sinifikat tagħha ordinarju, ċjoè li wieħed jkun joqgħod permanentement fil-post u li wieħed jikkunsidra l-post bħala r-residenza ordinarja u normali tiegħu;''

(Ara sentenza Cutajar vs Rapa PA RF tas-17 ta' Ottubru, 1972);

L-element tar-residenza ġie interpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens li mhux biż-żejjed li jkun hemm "*mere physical presence*'' imma l-post kien "*permanently his ordinary residence*'' u "*his only residence*'';

(Ara sentenza J. Bianco vs. P. Flores Qorti tal-Maġistrati 3.11.82);

Il-kliem "Membru tal-familja tal-kerrej'' użati fid-definizzjoni tal-kelma "Kerrej'' fir-rigward ta' dar ta' abitazzjoni ġew interpretati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Buhagiar vs Dalmas'' tat-22 ta' Ottubru, 1960, bħala li ma jinkludix l-affini u dana a diferenza mill-każ ta' ħanut fejn il-liġi ma qalitx aktar membru tal-familja tal-kerrej, iżda qalet "dawk il-persuni li jkunu jiġu minnu bid-demm jew biż-żwieġ'' u b'hekk ikkomprendiet espressament l-affini;

Issa ġie diversi drabi ritenut li l-kelma "familja'' fil-kontest ta' l-artikolu 2 fuq imsemmi m'għandhiex tingħata interpretazzjoni stretta u għandha tikkomprendi dawk kollha konġunti permezz tad-demm u dixxendenti waħda mill-oħra minn stipiti komuni u dana a bażi tad-Dritt Ruman bħala il-"*Jus comune*'' tas-sistema leġislattiv Malti. (Ara Dec. Vol 37 pI p 568, 573);

Il-Liġi fid-definizzjoni tal-"kelma'' a rigward ta' dar ta'

abitazzjoni meta ssemmi membri tal-familja tal-kerrej ma tagħmel ebda limitazzjoni a differenza mill-każ ta' ħanut fejn issemmi dawk il-persuni li jiġu mill-kerrej mid-demm jew bi żwieġ sal-grad ta' kuġin inklusivament. **Dak li tirrikjedi l-Liġi f'każ ta' dar ta' abitazzjoni huwa li l-membri tal-familja tal-kerrej u kerrej ikunu dixxendenti minn stipiti komuni;**

**(Ara sentenza T Sammut vs Salvu Pace et App Inf 225.2.86)**;

**L-attur**, korroborrat mill-familja tiegħu, ressaq provi fis-sens li:

1. Meta mietet Pawla Parnis, dina kienet tgħix waħedha;

2. Fid-data tal-mewt ta' Pawla Parnis, il-konvenut kien jgħix fid-dar t'ommu;

3. Li John Agius, il-konvenut kien għamel perijodu qasir (1977-1980) jgħix ma' Pawla u Mikelina Parnis fir-razzett, billi, meta l-attur ġie lura mill-Awstralja, ma kienx hemm biżżejjed post fid-dar t'ommu għalih, għall-familja tiegħu u għall-konvenut;

Min-naħa l-oħra, **il-konvenut**, korroborat minn ħutu, George, Julian u Doreen, isostnu li l-konvenut kien mar jgħix maz-zijiet minn meta kien żgħir ħafna (6 snin) u dana billi kienu ħafna tfal id-dar t'ommu u l-konvenut kien ibati b'ażżma, u għand iz-zijiet kien hemm aktar arja. Hu kellu kamra hemmhekk u kien jiekol għandhom. Kien għamel xi żmien jaħdem il-Libja, imbagħad iz-zijiet talbuh biex ma jibqax imur u jdur bihom u huma jikkumpensawh. Il-konvenut biddel l-*identity card* fl-aħħar elezzjoni billi l-attur ipprova jaqgħilu mir-razzett. Hu kien

irreġistrat bħala votant fuq il-post numru 81 (ir-razzett) minn Ottubru 1989, *tliet snin* qabel ma mietet Pawla Parnis;

1. F'dan l-każ, il-kwistjoni, apparti l-punti legali fuq rilevati, hi kwistjoni ta' kredibilità ta' xhieda. Dwar ix-xhieda prodotti jiġi nnotat li favur il-konvenut xehdu ħutu li kienu jgħixu fl-istess ambjent u li però huma ukoll miġġildin ma' l-attur. Minnaħa ta' l-attur xehdu membri tal-familja tiegħu, li għandhom interess fl-eżitu ta' din l-kawża. Iż-żewġt itfal ta' l-attur kienu żgħar ħafna meta ġraw episodi li ssemmew fil-kawża;

2. Jirriżulta ppruvat li l-konvenut hu **membru tal-familja** ta' l-inkwilina Pawla Parnis, *iz-zija* tiegħu (Ara konsiderazzjoni legali magħmula aktar fuq);

3. Dwar jekk il-konvenut kien jgħix ma' Pawla Parnis meta dina mietet, il-Qorti wara li semgħet il-provi prodotti tasal għall-konklużjoni li fil-fatt **il-konvenut kien jgħix ma Pawla Parnis mhux fiż-żmien tal-mewt tagħha, imma anke qabel**;

4. Anna Agius, mart l-attur, xehdet li ftit qabel ma mietet Pawla Parnis, il-konvenut ma kienx iħallihom jidħlu aktar għand Pawla Parnis. Hu kien ikeċċihom. Sa xahrejn qabel mietet Parnis, hi kienet tara lill-konvenut dieħel u ħiereġ għand Pawla Parnis (fol 55/56);

Li ġara kien li Mikelina u Pawla kienu joqogħdu flimkien fir-razzett (u l-konvenut xehed li hu kienjgħix magħhom). Fl-aħħar tliet snin, qabel mietu, kien inqala' l-inkwiet, u Mikelina marret tgħix ma' l-attur, u skond l-attur dina ħallietlu r-razzett b'testment. Fil-frattemp Pawla baqgħet tgħix fir-razzett u l-konvenut beda jipprova jaqilgħu minn hemm u beda l-ġlied. F'dan

il-kuntest tidħol ix-xhieda ta' Anna Agius. Għalhekk il-Qorti tista' tikkonkludi li fl-aħħar tliet snin il-konvenut kien jgħix ma' Pawla Parnis, u mhux kif qed isostni l-attur li l-konvenut kien jgħix għand ommu;

5. Dana hu kkonfermat ukoll mill-fatt li f'dana l-perijodu (qabel ma mietu Parnis) il-konvenut biddel l-*identity card* u l-vot fuq ir-razzett;

6. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut mhux biss kien joqgħod fir-razzett fl-aħħar tliet snin qabel il-mewt ta' Parnis, imma anke qabel. Fil-fatt l-attur jammetti li fl-1977-1980, meta ġie lura mill-Awstralja, l-konvenut mar joqgħodu għand iz-zijiet. Iżda l-attur ma jistax jgħid fejn kien joqgħod il-konvenut fil-perijodu li hu għamel l-Awstralja;

7. Finalment jiġi nnotat, u dana hu punt rilevantissimu għall-Qorti, li l-attur ma pprovax l-interess ġuridiku tiegħu biex jagħmel dina l-kawża. Hu la pprova min hu s-sid tal-post u lanqas f'liema vesti qed jaġixxi. Hu lanqas esebixxa testment biex jipprova li Mikelina Parnis ħallietlu r-razzett. Dana qed jiġi rrilevat biss stante li ma ngħatat ebda eċċezzjoni f'dan is-sens;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-attur;"

L-attur fil-petizzjoni tiegħu jgħid li jaqbel mal-konsiderazzjonijiet ta' natura legali magħmula mill-ewwel Qorti. Huwa fil-fehma però illi l-provi fattwali li tressqu kienu biżżejjed "biex iwasslu għall-konvinċiment fuq bażi ta' probabilità illi r-residenza ordinarja tal-konvenut ma kinitx ir-razzett 81, B'Kara Hill, San Ġiljan, iżda għand ommu f'78, B'Kara Hill, San Ġiljan.

L-appell hu għalhekk kollu kemm hu analiżi kritika tal-provi prodotti tendenti biex turi li l-apprezzament tagħhom mill-ewwel Qorti kellu jwassal għall-konklużjoni diversa minn dik li fil-fatt waslet għaliha. L-appellant jikkritika s-sentenza appellata fis-sens li naqset li tagħti piż debitu lil xhieda minnu prodotti waqt li għall-kuntrarju jsostni li l-Qorti ġiet impressjonata b'xhieda oħra prodotti mill-appellat li skond hu ma kinux aktar attendibbli jew kredibbli;

*Issa* ġie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati illi l-apprezzament **tal-fatti** mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza Superjuri u li dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu l-Qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja. Dan għaliex hu ċar li l-ewwel Qorti kellha l-opportunità li tisma' x-xhieda *viva voce* u kienet f'qagħda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilità *o meno* tagħhom. Vantaġġ li qorti ta' l-appell ġeneralment m'għandhiex;

L-appellant jaċċetta illi l-Qorti rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet rigward il-punt kruċjali tal-kawża u ċjoè fejn kellu r-residenza ordinarja tiegħu l-appellat żewġ verżjonijiet mogħtija minn xhieda prodotti skond il-lejaltajiet familjari li kellhom lejn il-kontendenti. Is-sentenza appellata eżaminat bir-reqqa dawn il-verżjonijiet kontrastanti u waslet għall-konklużjoni konsidrata li l-konvenut appellat "kien jgħix ma' Pawla Parnis (zitu) **mhux biss fi żmien tal-mewt tagħha** imma anke qabel''. Ikkonsidrat li fl-aħħar tliet snin qabel mewtha l-konvenut kien jgħix ma' din Pawla Parnis "u mhux kif qed isostni l-attur (appellant) li l-konvenut (appellat) kien jgħix għand ommu'';

Din il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandiex taqbel ma' din il-konklużjoni. Il-pern tal-kawża hu l-element ta' residenza in kwantu l-appellat irid jipprova illi **fil-mument tal-mewt** taz-zija tiegħu hu kien qiegħed jgħix magħha fil-fond li kien lilha lokat u li kien hekk qed joqgħod bħala residenza oridinarja tiegħu. Residenza ordinarja li timplika permanenza u abitwalità u li b'definizzjoni teskludi l-possibiltà li l-appellat kien **fl-istess żmien rilevanti** joqgħod band' oħra. Anke jekk tali residenza ordinarja ma kinitx teskludi l-possibilità illi l-appellat ikun joqgħod temporanjament band' oħra per eżempju villeġġjatura jew imur jagħmel xi ġranet għand niesu jew fi sptar. Fl-apprezzament, il-ġudikant irid allura jistabbilixxi jekk id-dar tal-qarib li kien jgħix fiha l-appellat fil-mument tal-mewt tiegħu kinitx id-dar abitwali li fiha kien jgħix. Dan hu stat ta' fatt li jrid jiġi ddeterminat minn eżami taċ-ċirkostanzi kollha tenut kont ukoll ta' dawk li huma indikattivi ta' l-abbandun ta' residenza ordinarja oħra li l-appellat kellu qabel. Abbandun li m'għandux ifisser rinunzja jew divjet li okkazzjonalment wieħed jirritorna fir-residenza ordinarja ta' l-oriġini tiegħu biex jinvista lil qrabatu jew xort' oħra. Hu għal dawn il-motivi li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti li kellha l-okkazzjoni li tara u tiżen il-bixra ta' kif iddeponew ix-xhieda quddiemha jrid jingħata piż determinanti;

Din il-Qorti ser tillimita ruħha għas-segwenti riflessjonijiet dwar il-fatti li jkomplu jissottolinejaw il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata u l-konklużjoni li ġustament waslet għaliha l-ewwel Qorti:

1. Hu pprovat illi t-tentattivi ta' l-appellant biex jisfratta lill-appellat milli jibqa' joqgħod ma' zitu Pawlina bdew żmien qabel ma din mietet. Jirriżulta li l-appellant kien konxju sa minn dak iż-żmien tad-dritt li l-appellat kien qiegħed irawwem fuq il-

fond li fih kien qed jgħix ma' zitu. Mill-banda l-oħra l-appellat kien ukoll konxju tal-possibilità li hu jissubentra fid-dritt ta' l-inkwilinat wara l-mewt ta' zitu u hu allura raġonevoli li wieħed jippreżumi li l-appellat mexa b'mod li jagħmel dak kollu minnu meħtieġ biex jippreserva dak id-dritt. Kien ukoll naturali li meta beda l-inkwiet, l-appellat beda jieħu passi biex jimmanifesta l-fatt li l-fond li fih kien qed jgħix kien ir-residenza ordinarja tiegħu billi jdawwar l-I.D. Card u jirreġistra l-vot fuqu. Indizji dawn importanti biex tiġi stabbilita r-residenza ordinarja għall-fini tal-liġi imma mhux neċessarjament fihom infushom u waħedhom determinanti;

2. Importanti d-dati. Pawla Parnis mietet fil-21 **ta' Marzu, 1992**. Michelina Parnis, oħtha, mietet fit-13 **ta' Jannar, 1992**, ftit aktar minn xahrejn qabilha. **L-attur appellant** xehed fl-4 ta' Marzu, 1993, illi huwa ma baqax "iżomm iż-żwiemel hemmhekk (fir-razzett fejn kienu joqogħdu l-aħwa Parnis) meta l-konvenut (appellat) xi sentejn ilu" - allura kienu għadhom ħajjin iz-zijiet tagħhom - "kien bgħatli ittra u qalli biex ma nibqax inżommhom hemmhekk". Dan fl-istess ħin meta l-appellant isostni fix-xhieda illi l-appellat ma kienx joqgħod fir-razzett imma għand ommu u li Pawlina kienet toqgħod waħedha. Ma jispjegax però b'liema awtorità seta' jordnalu ma jersaqx lejn ir-razzett u għaliex ħass li kellu jobdih meta ma kienx qiegħed joqgħod hemm dak iż-żmien;

3. Anne Agius, mart l-appellant, tikkonferma dak li qal żewgħa b'mod ferm aktar enfatiku: " **Ftit qabel ma mietet Pawla** il-konvenut ma kienx ħalliena iktar nidħlu għandha. Hu kien keċċiena". Dan meta zitu kienet għadha fuq saqajha "mhux veru li Pawlina Parnis kienet għamlet sentejn fis-soda. Jiena kont rajtha barra ħdejn il-bieb, ftit qabel ma mietet, xi xahar jew xahrejn qabel ma mietet. Hi kienet qaltli biex nidħol **però jien għidtilha**

**le, minħabba Ġanni**". L-appellat mela kien oġġezzjona mhux biss għaż-żwiemel ta' l-appellant imma għall-familja kollha tiegħu u dawn ħassew illi kellhom joqogħdu għar-rieda tiegħu anke jekk skondhom l-appellat ma kellu l-ebda jedd fuq ir-razzett ħlief li bħalhom kien dieħel u ħiereġ fih. Dan la hu verosimili u lanqas kredibbli. Hu għall-kuntrarju konsoni mal-verżjoni ta' l-appellat illi hu kellu r-residenza ordinarja tiegħu ma' zitu Pawlina, li kien joqgħod hemm bil-kunsens tagħha, u li din l-oġġezzjoni tiegħu għall-presenza ta' l-appellant u l-familja tiegħu fir-razzett kienet saret ukoll bl-approvazzjoni u bil-barka tagħha;

4. Mhux rilevanti għall-fini ta' l-element tar-residenza ordinarja l-fatt - ammess mill-appellanti u martu - illi l-appellat kien għamel xi żmien jgħix fir-razzett u li ma baqax joqgħod hemm meta mar jaħdem il-Libja. Li hu rilevanti hu jekk l-appellat kellux ir-residenza ordinarja tiegħu fir-razzett **fiż-żmien meta mietet zitu**. Residenza li trid tiġi akkwiżita anke bil-perkors ta' żmien raġonevoli u f'ċirkostanzi biex il-Qorti tkun sodisfatta - **kif kienet f'dan il-każ** - illi kienet residenza "*buona fide*" u mhux sempliċiment okkupazzjoni finta għall-okkażjoni f'tentattiv biex jiġi kkrejat titolu ta' lokazzjoni a skapitu tas-sid;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.